

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2007/0232(CNS)

28.2.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar emendi għall-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati bil-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles, għall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 2005 u s-17 ta' Jannar 2011
(COM(2007)0664 – C6-0430/2007 – 2007/0232(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Josep Borrell Fontelles

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-iżvilupp u l-politika komuni dwar is-sajd (CFP) iridu jkunu konsistenti, komplementari u koordinati, filwaqt li jikkontribwixxu, flimkien, għat-tnaqqis tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi konċernati.

L-UE impenjat ruħha li tiżgura s-sostenibilità tas-sajd fid-dinja kollha, kif definit fis-Samit tan-NU ta' l-2000 li sar f'Johannesburg, filwaqt li l-livelli ta' l-istokkijiet jibqgħu kif inhuma jew jiżdiedu għal li kienu bil-għan li tinkiseb il-produzzjoni massima sostenibbli.

L-UE aċċettat il-"Kodiċi ta' Kondotta għas-Sajd Responsabbli" ta' l-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agricoltura tan-NU, sabiex ikun promoss is-sajd sostenibbli għal tul ta' żmien u sabiex ikun iddikjarat li d-dritt għas-sajd ikun ifisser ukoll l-obbligu li s-sajd isir b'mod responsabbli sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-immaniġġjar effettivi tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin.

Il-preżenza ta' l-UE f'żoni tas-sajd imbiegħda hija objettiv leġittimu, iżda irid jifakkar li l-interess tas-sajd fl-Unjoni Ewropea għandu jitħares flimkien ma' l-interess li jiġu żviluppati l-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati ftehimiet dwar is-sajd.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni tat-22 ta' Ġunju 2006 ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta dwar "Is-Sajd u l-aspetti soċjali u ambjentali tiegħu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw", b'mod partikulari minħabba li jqis li l-ħarsien ta' l-interessi tas-sajd ta' l-UE u ta' l-ACP jridu jkunu kkoordinati ma' l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali min-naħa, u ma' l-għejxien tal-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd min-naħa l-oħra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jerġa' jisħaq fuq ir-referenza li saret fil-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn l-ACP u l-UE biex tiġi rrispettata l-Ftehim ta' Cotonou; jinsisti li jrid jitqies għalkollox l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u jilqa' b'sodisfazzjon il-garanziji mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni li se jqisu l-kontenut ta' l-Artikolu 9 meta jinnegozjaw ftehimiet ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi pajjiżi li qed jiżviluppaw li m'humiex fl-ACP.

L-iskop tal-ftehim proposta huwa biex jiġi emendat il-Protokoll eżistenti għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li sar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles, li ġie adottat fit-23 ta' Jannar 2006 li rrevoka u ssostitwixxa l-ftehim ta' l-1987 sad-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-emendi li ġew innegozjati fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt KE/Seychelles f'Marzu 2007, iżidu t-tunnellaġġ imsemmi minn 55 000 tunnellata għal 63 000 tunnellata, jintroduċu appoġġ finanzjarju għall-išhubija u jgħollu s-sehem imħallas mis-sidien tal-bastimenti minn EUR 25 għal EUR 35 għal kull tunnellata biex il-protokoll isir konformi ma' ftehimiet oħra dwar it-tonn.

Għalhekk, il-kontribuzzjoni Komunitarja naqset minn EUR 75 għal EUR 65 għal kull

tunnellata. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali għalhekk għandha tiżdied minn EUR 4 125 000 għal EUR 5 355 000. Ammont speċifiku ta' EUR 1 260 000 kull sena għandu l-għan li jappoġġja u jimplementa l-politika settorjali tas-sajd tas-Seychelles.

L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fil-Protokoll u stabbiliti fir-Regolament (KE) No 115/2006 ma kinux emendati u ġew ikkonfermati għal 40 seiners tat-Tonn minn Franza, Spanja u l-Italja u għal 12 -il surface longliners minn Franza, Spanja u l-Portugall, jiġifieri total ta' 52 liċenzja.

Il-Protokoll kif emendat se jidħol fis-seħħ provviżorjament mit-18 ta' Jannar 2008, għat-tliet snin li fadal sas-17 ta' Jannar 2011.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-inizjattivi nazzjonali u jittama li jkun inkluż ukoll l-iffinanzjar ta' proġetti lokali ta' infrastruttura għall-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq tal-ħut, biex b'hekk il-popolazzjonijiet lokali ma jibqgħux jistadu biss biex jieklu.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-ftehma qed tipproponi l-implimentazzjoni ta' politika settorjali għas-sajd bil-għan li jiġi promoss sajd sostenibbli u responsabli fl-ilmijiet tas-Seychelles u se jrawwem koperazzjoni xjentifika u teknika ma' l-awtoritajiet lokali. Ir-risoluzzjoni bejn l-ACP u l-UE msemmija hawn fuq tqis li l-evalwazzjoni xjentifika tar-riżorsi trid tkun prekondizzjoni għall-aċċess għas-sajd, u li evalwazzjoni annwali tar-riżorsi trid tkun kundizzjoni sabiex jingħataw aktar permessi għas-sajd.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandu jintuża għall-iżvilupp tal-popolazzjonijiet kostali li jaqilgħu x'jieklu mis-sajd u għall-ħolqien ta' industriji lokali iżgħar ta' ffriżar u proċessar tal-ħut;

¹ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

PROCĊEDURA

Titolu	Emendi dwar l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati fil-Ftehma bejn il-KE u s-Seychelles
Referenzi	COM(2007)0664 – C6-0430/2007 – 2007/0232(CNS)
Kumitat responsabbli	PECH
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 29.11.2007
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Josep Borrell Fontelles 18.12.2007
Data ta' l-adozzjoni	27.2.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 29 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Alessandro Battilocchio, Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Thierry Cornillet, Corina Crețu, Nirj Deva, Beniamino Donnici, Fernando Fernández Martín, Hélène Goudin, Alain Hutchinson, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Johan Van Hecke, Luis Yañez-Barnuevo García, Anna Záborská, Mauro Zani
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Ana Maria Gomes, Fiona Hall, Manolis Mavrommatis, Linda McAvan, Ralf Walter, Gabriele Zimmer